MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 1859/2004/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Joseph Vassallo u b'digriet tat-18 ta' Frar, 2005 it-Tribunal ordna il-kjamat in kawza tad-Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet u b'digriet tal-5 ta' April, 2005 it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza tal-Water Services Corporation**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Novembru, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, mitejn tlieta u sittin lira u tmintax-il centezmu (Lm 1,263.18), rapprezentanti danni

kkagunati lil '*cables'* tal-korporazzjoni attrici li jinsabu fi Triq l-Imtarfa, Mtarfa fit-18 ta' Ottubru, 2003.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta` l-incident sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenut Joseph Vassallo illi solleva preliminarjament illi l-konvenut mhuwiex il-legittimu kuntradittur stante illi huwa kien qed jagixxi unikament bhala mpjegat fost diversi tat-Taqsima tad-Drenagg tad-Dipartiment tax-Xogholijiet.

Illi preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju stante illi l-konvenut ma hadimx wahdu fuq il-lant '*de quo agitur*.'

Fil-mertu, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi fit-18 ta' Ottubru, 2003, il-konvenut ma kkawza ebda danni lill-Korporazzjoni attrici kif minnha reklamat u ma jahti ghal ebda danni li talvolta setghu gew sofferti mill-Korporazzjoni attrici minnha reklamat u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi f'kull kaz id-danni reklamati mill-Korporazzjoni attrici huma eccessivi u ezagerati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi b'digriet tat-18 ta' Frar, 2005, it-Tribunal ordna il-kjamat in kawza lid-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet u b'digriet tal-5 ta' April, 2005, it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza tal-Water Services Corporation.

Ra r-risposta sollevata mill-kjamat in kawza Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet fejn gie sollevat preliminarjament l-innamissibilita' tat-talba

tal-Korporazzjoni attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza u dana a tenur ta` l-artiklu 460 (1) tal-Kap 12.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici diretti in konfront tal-kjamat in kawza Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda in konfront tal-kjamat in kawza, bl-ispejjez, stante illi ai termini ta` l-avviz legali 272 ta` l-2003, il-manzjonijiet tad-dipartiment tad-drenagg ghaddew minghand it-taqsima tax-xogholijiet ghand il-Korporazzjoni ghas-servizzi ta` l-ilma u dana b'effett mill-1 ta' Ottubru, 2003.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza Korporazzjoni tas-Servizz ta` l-ilma fejn gie sollevat illi it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess Korporazzjoni attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra u sema' x-xhieda ta' Mario Sultana, PS 1225 Mario Fenech, Joseph Vassallo, Joseph Bonnici, Anthony Saliba, Paul Dimech, Eddie Agius, Agnes Upton u Michael Upton.

Ra x-xhieda dokumentali kollha prezentati fl-atti kif ukoll l-atti kollha tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet kollha.

Ikkunsidra.

Illi din il-kawza titratta dwar talba ta' flus lis-socjeta' attrici rapprezentanti allegati danni lil *cables* appartenenti lis-socjeta' attrici li nstabu fit-18 ta' Ottubru, 2003.

Skond ix-xhieda ta’ PS 1225 Mario Fenech, *a tempo vergine* kien dahal rapport fl-ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, fit-18 ta’ Ottubru, 2003 minn Mario Sultana, Senior Technical Officer mal-Korporazzjoni attrici, li sab li l-kagun ta’ qtugh ta’ dawl il-gurnata ta’ qabel kien minhabba probabbli dannu *f’cable* ta` l-elettriku li kien ghaddej taht l-art fi Triq Imtarfa, Mtarfa. L-istess xhud kien mar fuq il-post u ra illi l-imsemmi *cable* li kien jinsab fil-qiegh kellu ghafsa u qasma zghira. Dan il-*cable* kien taht nett. Fuqu kien hemm il-katusi tad-drenagg u fuq dawn il-katusi kien hemm il-katusi ta` l-ilma. Skond ir-rapport tal-Pulizija, Sultana kien sostna illi seta` oskula l-ilma ghal fuq il-*cable* ta` l-elettriku li kienet maqrusa u biz-zmien zviluppat il-hsara li kkagunat il-qtugh ta` l-elettriku. Fir-rapport intqal illi l-hsara kienet iggarbet meta kienu saru xi xogholijiet fil-katusi tad-drenagg. Jidher ukoll illi kien sar xi xoghol privat min xi terzi persuni fl-istess inhawi fejn qieghed ikkonnetjat il-katusa tad-drenagg. Dawn ix-xogholijiet kienu allegatament saru xi xahar u nofs qabel u skond it-terzi persuni li huma l-konjugi Upton huma kienu qabdu lill-konvenut Joseph Vassallo biex jaghmlilhom dawn ix-xogholijiet. Fir-rapport PS 1225 xehed li kieku kien hemm cangatura li tifred il-cable minn mal-katusa ta’ fuqha huwa kien jnizzel din l-informazzjoni fir-rapport.

Illi skond fatturi pprezentati mill-korporazzjoni attrici, d-danni telghu ghal Lm 1,263.18 l-ammont tat-talba.

Mario Sultana, impjegat mal-Korporazzjoni attrici, xehed illi fil-lejl tat-18 ta’ Ottubru, 2003 kien sehh xi qtugh tad-dawl fl-Imtarfa. Huwa kien mar fuq il-post fil-ghodu. Meta haffru sabu illi kien hemm katusa tad-drenagg u l-*cable* tal-korporazzjoni attrici u bejniethom ma kienx hemm ramel u cangatura li normalment jifred katusa ma` ohra. Deher ukoll illi kienet saret xi trinka ricentement. Huwa kien sar jaf bl-incident fit-18 ta’ Ottubru,

2003. Huwa qal illi l-*cable* tal-korporazzjoni kien antik izda ma hemmx differenza bejn *cable* antik u gdid u huma jibdlu skond l-umdita' li tkun dahlet. Izda fil-kaz in kwistjoni jiftakar illi ma kienx hemm cangatura u l-katusi ta` l-ilma kienu 'tal-plastik' u sabu l-*cable* ta` l-elettriku mtaqqab. Bejn il-pajp ta` l-ilma u l-*cable* ta` l-elettriku kien hemm katusa tad-drenagg ezatt ghaddejja minnhom. Fl-esperjenza tieghu qal illi kien wisq probabbli illi min kien ghamel ix-xoghol qabel kien nehha c-cangatura. Qal ukoll illi l-katusa tad-drenagg kienet tal-plastik u ma kienx hemm cangatura fuq il-wicc.

Fix-xhieda tal-konjugi Upton dawn ikkonfermaw illi l-konvenut Vassallo kien ghamlilhom xi xoghol privat sabiex jigi konness is-sistema tad-drenagg tad-dar taghhom ma` dak tal-Gvern. Dawn ix-xogholijiet kienu saru xi xahar u nofs qabel il-qtugh tad-dawl. Huma qalu wkoll illi kien ntuza Jigger flimkien ma` ghodda ohra ta` l-idejn. Intqal ukoll illi wara dawn il-haddiema kien hemm xi haddiema ohra li hadmu fl-istess post qabel il-qtugh tad-dawl fit-18 ta' Ottubru, 2003.

Skond ix-xhieda ta' Joseph Bonnici li huwa haddiem tad-drenagg mal-Gvern qal illi fis-Sajf ta` l-2003 kienu wehlulhom xi vireg fil-*main* tad-drenagg u kienu marru sabiex jaqlawhom. Dan ix-xoghol kien sar flimkien mal-konvenut Vassallo u Anthony Saliba, lkoll haddiema tad-drenagg mat-taqsima ta` l-Ilma. Huma kellhom jaqilghu t-triq sabiex jaqilghu xi vireg li kienu thallew zmien qabel. Huwa xehed illi meta hafru kienu wzaw fies u zappun u sabu katusa ta` l-ilma u ghaddew katusa tad-drenagg fuq il-*main* ta` l-ilma. Huma raw torba taht il-*main* ta` l-ilma u ma kienx hemm cangatura. Sostna wkoll illi ma kienx ra '*cables*' maqlughin. Ix-xhieda ta' Anthony Saliba kienet taqbel ma` dik ta' Bonnici precitat. Il-konvenut Joseph Vassallo jghid illi huwa flimkien ma` shabu ma ghamlux xogholijiet fit-18 ta' Ottubru, 2003.

Ikkonferma dak li kien intqal minn Bonnici u Saliba u zied illi huma qalghu t-triq fit-22 ta’ Awissu, 2003 sabiex jirkupraw xi vireg li kienu hallew fil-post. Huma kienu haffru bl-ingenji ta` l-idejn u ma rawx *cables* ta` l-elettriku u ma kienx hemm cangatura fuq il-*cables*. Zied jghid illi bejn il-pajp ta` l-ilma u l-*cable* suppost ikun hemm erba’ pulzieri ramel u cangatura u dawn ma kienux hemm. Qal ukoll illi xi tlett xhur qabel kienu hadmu tal-Water Works u meta ra l-*cables* li kienu qalghu tal-Water Works, il-*cables* kienu mmermrin u kellhom ‘l fuq minn mitt sena.

Paul Dimech ikkonferma illi x-xogholijiet tad-drenagg kienu saru fl-Imtarfa urgentement flimkien ma` Vassallo u Bonnici u tielet persuna. Huma kienu haffru bil-fies u zappun.

It-Tribunal huwa konvint illi l-qtugh tad-dawl fit-18 ta’ Ottubru, 2003 hija konsegwenza ta’ hsara fil-*cable* li ggarbet biz-zmien. Kif spjega tajjeb ix-xhud Mario Sultana, Technical Officer mal-korporazzjoni attrici l-*cable* garbet ghafsa u li biz-zmien trabba l-umdita’ kkawza l-qtugh tad-dawl. Izda t-Tribunal, huwa konvint illi din l-ghafsa ma ggarbitx wehedha. Din l-ghafsa fil-*cable* ghamilha xi hadd.  Mix-xhieda jidher illi normalment bejn katusa u ohra jkun hemm ir-ramel u cangatura sabiex tifred katusa minn ohra. Jidher illi mat-thaffir meta giet spezzjonata l-hsara nstabet cangatura bejn il-katusi izda fejn kien hemm l-ghafsa, cangatura ma kienx hemm.

Jidher illi qabel il-qtugh tad-dawl li sehh fit-18 ta’ Ottubru, 2003, fl-inhawi fejn instabet il-hsara, kienu hadmu il-konvenut flimkien ma` nies ohra fuq xoghol privat kif ukoll fuq xoghol dipartimentali tat-Taqsima tax-Xogholijiet izda f’zminijiet diversi. Jinghad ukoll illi kien hemm xi haddiema tas-servizzi ta` l-ilma ukoll xi xhur qabel li ggarbet il-hsara.

Fil-fehma tat-Tribunal jidher illi l-hsarat saru meta giet msewwija l-katusa tad-drenagg jew il-katusa ta` l-ilma. Ix-xogholijiet privati saru ftit jew wisq fl-istess zminijiet izda jidher illi l-ahhar persuna li hadmet fl-inhawi kien fil-fatt il-konvenut flimkien ma` nies ohra fuq xoghol dipartimentali. Huwa xehed illi meta fethu t-trinka ma kienux raw cangatura bejn il-katusi u 'raw illi ta' qabilhom ma kienux hallew ix-xoghol kif suppost'. Dan ix-xoghol kien sar wara li kien sehh x-xoghol privat tal-konjugi Upton.

F'din it-tip ta' kawza, it-Tribunal ghandu jibbaza ruhu fuq il-kredibilita' tax-xhieda prodotti.

Fit-22 ta' Awissu, 2003 kien sar xi xoghol mid-dipartiment tad-drenagg sabiex jinqalghu xi vireg li kienu wehlu fil-*main* tad-drenagg. Skond ix-xhieda tal-konvenut Vassallo meta fit-22 ta' Awissu, 2003 kienu hafru fl-inhawi ta` l-incident kienu mmarkaw '… il-pajp ta` l-ilma, cables tad-dawl ma rajniex. Ma kienx hemm cangatura fuq il-cables peress illi kienu qalghuha tal-Water Works.' Jidher illi x-xhud kien konvint illi kienu tal-Water Works li qalghu c-cangatura.

Mix-xhieda tal-konjugi Upton, jidher li x-xoghol privat kien ghamlu l-konvenut xi xahar u nofs qabel sehh l-incident izda warajh kienu haddmu xi nies ohra.

Illi meta saru x-xogholijiet tad-drenagg fit-22 ta' Awissu, 2003 *a tempo vergine,* l-konvenut Vassallo kien stqarr lill-Pulizija illi hu u shabu kienu gew kummissjonati jaghmlu xi xogholijiet u li meta hafru t-trinka sabu li ma kienx hemm cangatura fuq il-*cable* tal-korporazzjoni attrici stqarr ukoll illi hu ma kienx ikkawza xi danni fil-*cable* ta` l-elettriku.

It-Tribunal huwa konvint illi hsarat fil-*cable* tal-Korporazzjoni ta` l-Enemalta sehhew meta kienu

qieghdin jahdmu n-nies tad-Dipartiment tax-Xogholijiet peress illi jirrizulta illi bejn il-katusa tad-drenagg u l-*cables* ma kienx hemm cangatura. Facilment f'dawn ic-cirkostanzi, jista' jintlaqa' l-*cable*. Hija wara kollox ir-responsabbilita' ta' min qed jahdem fil-post illi jiehu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex ma ssirx hsara u jekk xi haddiema jidhrilhom illi hemm xi xoghol li mhux qieghed sew dan ghandu jingieb ghal l-attenzjoni ta' min hemm fuqhom. Wara kollox hemm xi raguni ghalfejn *gang* ta' haddiema ikollu s-*supervisor* li jiehu hsieb x'qed jigri. Sabiex ix-xoghol isir sewwa, jekk dawn il-haddiema raw illi ma kienx hemm cangatura kellhom jigbdu l-attenzjoni lil ta' fuqhom.

It-Tribunal huwa konvint illi ghalkemm saru xi xogholijiet privati mill-konvenut xi ftit xhur qabel u ghalkemm il-konvenut ipprova jinnega dan il-fatt, it-Tribunal jidhirlu li l-hsarat ma sarux meta kien qed isir ix-xoghol privat. Peress illi sussegwentement regghu saru xi xogholijiet fl-istess inhawi sabiex johorgu l-vireg li kienu thallew fil-post. Dan skond ix-xhieda tas-Sinjura Upton, li skond it-Tribunal hija xhud kredibbli.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa konvint illi l-hsarat iggarrbu meta l-haddiema tad-dipartiment tax-Xogholijiet kienu qieghdin jahdmu fuq xoghol ufficjali sabiex jaqilghu l-vireg li kienu thallew fil-*mains*.

It-Tribunal huwa konvint illi Vassallo kien qed jagixxi unikament bhala impjegat fost diversi tat-taqsima tad-drenagg tad-Dipartiment tax-Xogholijiet u ghalkemm l-ghafsa fil-*cables* iggarrbet qabel li l-mansjonijiet tad-dipartiment tad-drenagg ghaddew minghand it-Taqsima tax-Xogholijiet ghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma, l-hsarat instabu fit-18 ta' Ottubru, 2003 u ghalhekk il-kjamat in kawza Direttur tad-

Dipartiment tax-Xogholijiet ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-Gudizzju.

Ghal dawn il-motivi

Jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Vassallo peress illi gie pruvat li kien sar xi xoghol privat fejn iggarrbet il-hsara  u illi ghalkemm id-danni nstabu fit-18 ta’ Ottubru, 2003 ma jfissirx illi l-hsarat kellhom isiru dik il-gurnata stess izda ma jsibux responsabbli ghad-danni personalment.

Jirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza Dipartiment tax-Xogholijiet dwar l-inammissibilita’ tat-talba tal-Korporazzjoni attrici a tenur ta` l-Artiklu 460 tal-Kap. 12 u dana a bazi ta’ gurisprudenza li stabbiliet illi l-Artiklu 460 tal-Kap. 12 ma japplikax fil-kaz tal-kjamat in kawza.

Jakkolji t-tieni eccezzjoni ta` l-istess kjamat in kawza illi l-hsarat sehhew wara 1 ta’ Ottubru, 2003 u ghalhekk jekk kemm-il darba jinstab xi htija attribwibbli lid-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet d-danni ghandhom jigu nkolpati lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma. Ghalhekk il-kjamat in kawza Direttur, tad-Dipartiment tax-Xogholijiet huwa liberat mill-osservanza tal-Gudizzju.

Takkolji l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza l-Korporazzjoni tas-Servizzi ta` l-Ilma kif dedotti izda minhabba li l-mansjonijiet tad-dipartiment tad-drenagg ghaddew minghand it-Taqsima tax-Xogholijiet ghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma u l-hsarat instabu fit-18 ta’ Ottubru, 2003 jattribwixxu r-responsabbilita’ ghad-danni lill-kjamat in kawza, l-Korporazzjoni tas-Servizz ta` l-Ilma.

Tilqa’ invece t-talbiet tal-korporazzjoni attrici  fil-konfront tal-kjamat in kawza Korporazzjoni ghas-Servizz ta` l-Ilma billi jiddikjarah responsabbli

> ghall-event dannuz subit mill-Korporazzjoni attrici minhabba ommissjoni kolpuza tad-dover.
>
> Tilqa' ghalhekk it-talba billi tillikwida d-danni hekk subiti mill-korporazzjoni attrici u liema danni nstabu fit-18 ta' Ottubru, 2003 fl-ammont ta' hlas ta' elf, mitejn, tlieta u sittin lira u tmintax-il centezmu (Lm 1,263.18) u tikkundanna lill-Korporazzjoni tas-Servizz ta` l-Ilma ghall-hlas ta` l-ammont hekk likwidat bl-imghax mit-18 ta' Ottubru, 2003.
>
> Spejjez a karigu tal-konvenut terz ghal Joseph Vassallo u zewg terzi ghal-kjamat in kawza Korporazzjoni tas-Servizz ta` l-Ilma."

Appellat minn din is-sentenza l-imsejha fil-kawza l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma li talbet ir-revoka tas-sentenza tat-Tribunal b'dawn l-aggravji:-

(1) Tezisti kontradittorjeta fil-parti finali tas-sentenza ghaliex filwaqt li gew respinti l-eccezzjonijiet tal-konvenut pero` imbaghad dan ma nstabx responsabbli personalment ghad-danni. Similment, hemm kontradittorjeta` fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez;

(2) Bl-ebda mod ma gie ppruvat meta sehhet il-hsara fil-*cable* u min effettivament ta lok ghaliha. Hu wkoll inkomprensibbli kif giet attribwita responsabilita` lilha tramite l-impjegati taghha meta sew il-konvenut kif ukoll xhieda ohra cahdu li ntlaqat xi *cable*;

(3) L-avviz promotur jghid li l-*cable* intlaqat fit-18 ta' Ottubru 2003 meta jirrizulta li l-hsara kienet sehhet qabel din id-data;

(4) Japplika t-terminu preskrittiv a norma ta' l-Artikolu 2153 Kodici Civili gjaladarba ma giex ipprovat meta saret il-hsara u ma giet stabbilita ebda data minn meta kellhom jibdew jiddekorru s-sentejn;

Ghal dan l-appell il-partijiet l-ohra fil-gudizzju wiegbu b’mod generali li s-sentenza kienet gusta u timmerita konferma. Singolarment, il-konvenut issolleva b’appell incidentali l-ilment illi la hu ma nstabx li kien personalment responsabbli ma kellux jigi kkundannat ghal hlas ta’ ebda spejjez gudizzjarji;

Mill-attijiet tal-kawza jirrizulta illi fiz-zmien prossimu ghall-konstatazzjoni tal-hsara fil-*cable* (18 ta’ Ottubru, 2003) saru, mod jew iehor, dawn ix-xoghlijiet:-

(1) Fis-sajf tas-sena 2003 sar xoghol minn impjegati tad-Drainage Department biex jitnehhew xi vireg li kienu wehlu fil-*pipe* tad-drenagg fi Triq l-Imtarfa. Dan ix-xoghol sar mill-impjegati Joseph Bonnici (fol. 36), Anthony Saliba (fol. 39) u Joseph Vassallo (fol. 43) ilkoll addetti ma’ dan id-Dipartiment taht id-direzzjoni tac-Chargehand Paul Dimech. Skond ix-xhud Joseph Bonnici l-ezekuzzjoni ta’ dan ix-xoghol sar ghal habta tas-Settembru, 2003, bl-approvazzjoni wkoll tas-Sindku ta’ l-Imtarfa. Ara dokument a fol. 36 tal-process. Dejjem skond ma ddeponew ix-xhieda fuq imsemmija huma ghamlu hofra kbira u hadmu bil-fis u z-zappun. Fil-kors ta’ dan ix-xoghol huma innotaw *pipe* ta’ l-ilma. *Cables* tad-dawl ma rawx;

(2) Sar xoghol privatament mill-konvenut Joseph Vassallo fl-interess tal-konjugi Upton konsistenti fil-konnessjoni tas-sistema tad-drenagg tal-fond ta’ dawn mal-*main sewer.* Ara xhieda ta’ Michael Upton (fol. 109) u ta’ Agnes Upton a fol. 111. Ix-xoghol f’dan il-kaz kien jikkonsisti minn skavar kemm fil-fond proprju kif ukoll f’area ‘l barra minnu. Skond Agnes Upton dan ix-xoghol sar xi sitt xhur qabel ma huma dahhlu fil-fond f’April 2003. Dan hu pero` zmentit mid-dikjarazzjoni ta’ l-istess konjugi Upton rilaxxjata lill-Pulizija fejn stqarrew li dan ix-xoghol sar biss madwar xahar u nofs qabel il-verifika tal-hsara fil-*cable* fit-18 ta’ Ottubru 2003 (ara rapport tal-Pulizija a fol. 13);

(3) Jissemma wkoll mill-konvenut Joseph Vassallo, kif ukoll minn Agnes Upton illi kienu saru anke xoghlijiet mill-Water Services Corporation. Mhux ipprecizat, pero`, minnhom meta saru dawn ix-xoghlijiet. Fic-cert, zgur, li dawn saru xi zmien qabel dawk ix-xoghijiet l-ohra specifikati taht punt (1) u (2);

Ta' min jirrileva dak li xehed dwaru Mario Sultana, Senior Technical officer tal-Korporazzjoni attrici, fejn dan ikkummenta illi l-hsara setghet grat billi xi hadd "xhur jew jiem qabel" laqat ic-comb tal-*cable* (fol. 94) u li meta l-Korporazzjoni attrici haffret biex tivverifika l-hsara (18 ta' Ottubru 2003) "kien jidher li kien hemm trinka li saret ricentement" (fol. 29). L-istess xhud itenni wkoll illi hu nnota illi "bejn il-*pipe* ta' l-ilma u l-*cable* kien hemm katusa tad-drenagg, ezatt ghaddejjin maghhom";

Dan premess, jidher mill-parti espositiva tas-sentenza appellata illi t-Tribunal jaghmel dawn il-konsiderandi:-

(1) Jibda biex jghid b'konvinzjoni illi l-qtugh tad-dawl fit-18 ta' Ottubru, 2003 hija konsegwenza ta' hsara fil-*cable* li ggarbet biz-zmien;

(2) Li qabel dan l-event kienu hadmu fl-inhawi l-konvenut fuq xoghol privat kif ukoll fuq xoghol tad-Dipartiment. Barra minn dan illi kienu hadmu wkoll xhur qabel impjegati tas-Servizzi ta' l-Ilma;

(3) Il-hsara avverat meta giet imsewwija l-katusa tad-drenagg jew il-katusa ta' l-ilma. Ghalkemm ix-xoghol privat sar fl-istess zmenijiet l-ahhar li sar xoghol kien dak konness ma' attivita` tad-Dipartijiet tax-Xoghlijiet;

(4) It-Tribunal huwa konvint illi l-hsara grat meta kienu qeghdin jahdmu l-impjegati ta' dan l-ahhar imsemmi Dipartiment u dan peress illi jirrizulta li bejn il-katusa tad-drenagg u l-*cables* ma kienx hemm cangatura. Skond it-Tribunal dan ix-xoghol sar fit-22 ta' Awissu 2003 u kien posterjuri ghal dak li sar mill-konvenut privatament. Ta'

min josserva hawn illi fil-parti decizorja tas-sentenza t-Tribunal, fuq l-akkoljiment tieghu ta’ l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet, jaqbel li l-hsarat sehhew wara l-1 ta’ Ottubru, 2003;

Bir-rispett kollu dovut din il-Qorti ma ssibx li tista’, leggerment, tikkuntenta ruhha bil-possibilitajiet merament spekulativi, u wkoll kontradittorji, li ghogbu jaghmel it-Tribunal. Dan qed jigi rilevat ghaliex hu principju sew stabbilit illi f’sentenza ghandu dejjem ikollok rabta logika bejn il-partijiet razzjonali u decizivi taghha;

Bhala stat ta’ fatt maqbul minn kulhadd fil-proceduri, il-*cables* ta’ l-elettriku suppost ikollhom protezzjoni adegwata bic-cangatura. Ma jidherx lanqas li hu disputat illi f’dan il-kaz il-*cables*, meta tqeghdu, kellhom din il-protezzjoni. Jikkonsegwi, allura, illi r-ricerka kienet tinnecessita illi jkun maghruf u stabbilit minn min tnehhiet ic-cangatura f’dik il-parti tat-triq fejn giet determinata l-hsara;

Issa l-provi juru illi fl-okkazjoni li d-Dipartiment tax-Xoghlijiet ezegwixxa x-xoghlijiet biex jitnehhew xi vireg li kienu thallew fil-katusa tad-dranagg, l-impjegati tieghu, fosthom il-konvenut, ilkoll ikkonfermaw li ma kienx hemm cangatura fuq il-*cables*. Issa jekk wiehed kellu jsegwi l-hsieb tat-Tribunal illi dawn ix-xoghlijiet saru fi zmien sussegwenti ghax-xoghol li sar privatament mill-konvenut, dan jista’ jfisser, b’logika u b’koerenza, illi jew din ic-cangatura kient inqalghet fil-kors ta’ l-iskavar li sar personalment mill-istess konvenut ghal konjugi Upton, antecedenti ghal dak ix-xoghol l-iehor mid-Dipartiment, jew, ukoll, xhur qabel minn nies addetti mas-Servizzi ta’ l-Ilma meta tqieghed il-*pipe* ta’ l-ilma. Attribuzzjoni din li jissuggeriha l-konvenut fil-kors tad-deposizzjoni tieghu a fol. 42 fejn xehed illi ramel u cangatura ma kienx hemm peress li hadmu tal-Water Works u kissru kollox. Dan tliet xhur qabel;

Fil-fehma ponderata ta’ din il-Qorti dawn huma kollha sitwazzjonijiet ipotetici li fl-ebda mod ma jiskossaw il-punt bazilari illi min jallega jrid jipprova. Dan permezz ta’ prova li, f’kazijiet ta’ din ix-xorta, trid twassal biex, b’mod adegwat u konvincenti, tikkreja n-ness ta’ kawzalita` ta’ fatt bejn il-kondotta ta’ l-agent u l-event dannuz. Hu, wara kollox, il-kardini tas-sistema tar-responsabilita`extra-kontrattwali, jew akwiljana, illi ghad-danni kawzati lil terzi huwa l-awtur tal-lezjoni li ghandu jwiegeb ghar-rizarciment ta’ dawn l-istess danni li mill-att jew fatt jidderivaw;

Maghdud dan, il-gudikant, li ghandu l-kompitu li jistabilixxi s-sussistenza ta’ dak l-istess ness kawzali, ma jistax jirrikorri la ghal spekulazzjonijiet dwar min seta’ kien l-awtur tad-dannu, u lanqas ghall-intwizzjoni proprja, anke jekk, talvolta, din tkun bazata fuq il-logika. Huwa ghandu, inveci, ghall-accertament ta’ dak l-istess ness jevalwa l-elementi kollha tal-fattispeci ghall-iskop li jistabilixxi, b’mod objettiv u fil-konkret, il-fatt li jkun ipproduca l-hsara u, konsegwentement, l-awtur li dak l-istess fatt ikun giebu fis-sehh;

Bir-rispett dovut versu l-veduta u l-konsiderazzjoni tat-Tribunal, din il-Qorti mhix daqstant perswasa, fuq il-bazi tal-provi attendibbli, illi gie stabbilit kollegament strumentali bejn it-twettieq ta’ l-inkarigu mid-Dipartiemnt tax-Xoghlijiet wara l-1 ta’ Ottubru 2003, ghal liema skond il-ligi trid prezentement twiegeb il-Korporazzjoni appellanti, u l-event lesiv. Indagini aktar penetranti tal-valutazzjoni tal-provi turi li qabel ma involva ruhu dan id-Dipartiment kien ukoll sar xoghol iehor, din id-darba mill-konvenut personalment fuq inkarigu tal-konjugi Upton. F’dan ix-xoghol intuza wkoll *jigger*. Ara xhieda ta’ Michael Upton a fol. 110. Mhux eskluz, allura, anke fuq il-bazi tal-preponderanza tal-probabilitajiet, illi l-event tal-hsara sehh fil-kors ta’ dan ix-xoghol mill-konvenut. Hu, pero`, eskluz mill-provi illi d-dannu seta’ gie kagonat mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet wara l-1 ta’ Ottubru 2003 in kwantu ma

jirrizultax illi dan id-Dipartiment ghamel xoghlijiet wara din id-data;

Raggunta din il-konkluzjoni mhux il-kaz li din il-Qorti tinvesti l-gravami li baqa' tal-Korporazzjoni appellanti. Tillimita ruhha biss ghar-ri-epilogu ta' l-osservazzjoni illi ma giex sodisfacentement provat in-*nexus* ta' kawza u effett bejn il-mansjonijiet ezegwiti mill-impjegati tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet u l-event tad-dannu;

In vista ta' din l-istess konkluzjoni din il-Qorti ma ssibx li hu fondat l-appell incidentali tal-konvenut in meritu ghal kap ta' l-ispejjez, anke kieku stess din il-Qorti ma tistax tikkundannah iwiegeb ghad-danni gjaladarba hu ma nstabx hati dwarhom mit-Tribunal, u l-Korporazzjoni Enemalta ma appellatx, lanqas incidentalment, mis-sentenza moghtija.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u, konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-konfront taghha. Dan anke fir-rigward ta' l-ispejjez decizi mit-Tribunal fir-rigward ta' l-istess Korporazzjoni. Mill-kumplament, is-sentenza appellata qed tigi kkonfermata. L-ispejjez tal-prezenti istanza jibqghu, fic-cirkostanzi, bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------